MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

**ONOR. IMĦALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tal-5 ta' April, 2004

Rikors Numru. 518/1997/1

Paul Bartolo
vs
Bank of Valletta Limited

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi r-rikorrent garrab ingustizzji fl-impieg bejn il-1990 u l-1995 billi ma inghatax promozzjoni li kienet tisthoqqlu u billi inghata transfers mhux gustifikati, diskriminatorji, u mhux skond l-esigenzi tas-servizz.

Ir-rikorrent beda l-impieg tieghu mal-Bank of Valletta fil-1974. Fil-1990 huwa kien jokkupa l-kariga ta' Assistant Manager. Fit-18 ta' Mejju 1990 inghataw promozzjonijiet ghall-grad ta' Manager, izda r-rikorrent gie michud il-promozzjoni ghalkemm huwa kellu kwalifiki seniority u kwalitajiet ohra rilevanti daqs x'uhud li nghataw

promozzjoni u anki aktar minn ohrajn li nghataw promozjoni.

Ir-rikorrent fid-19 ta' Mejju 1990 ha sehem fi strike ordnat mill-General Workers Union bi protesta kontra l-ingustizzji li l-Bank intimat ghamel fl-ghoti tal-promozzjonijiet. Dak inhar stess ir-rikorrent gie transferred mill-Branch tal-Mellieha, fejn kien jahdem, ghall-Branch ta' Haz-Zabbar, meta huwa kien joqghod l-Mgarr. Wara sitt gimghat pressjoni mill-Union, intbaghat fil-Branch ta' Bugibba, fejn il-Management stess qal li r-rikorrent kien mohli hemmhekk, u finalment baghtuh fil-Computer Team tal-Head Office.

Kemm ic-cahda tal-promotion, kif ukoll it-transfers, kienu ingusti u diskriminatorji.

Ghalhekk ir-rikorrent talab lit-Tribunal jinvestiga l-ilmenti imsemmija skond l-Att VIII tal-1997, u jiddikjara li r-rikorrent garrab ingustizzji fl-impieg tieghu mal-Bank intimat meta fl-1990 u wara gie mcahhad mill-promozzjoni ghall-grad ta' Manager, u meta fl-1990 gie trasferit wara li huwa ha sehem fi strike ufficcjali, u ghaldaqstant jiddeciedi li jaghti rimedju xieraq billi jiddikjara li l-Bank intimat ghandu jqis li r-rikorrent inghata l-grad ta' Manager fil-1990 u ghandu jhallas lir-rikorrent kull ma tilef minhabba dak in-nuqqas ta' promozjoni, u fin-nuqqas ta' dan, li r-rikorrent ghandu jinghata kumpens adegwat ghall-ingustizzji li huwa garrab fl-impieg billi jinghata s-somma ta' Lm5,000.

Ra l-lista tax-xhieda prezentata mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-Bank of Valletta Limited li eccepiet:-

Illi fit-23 ta' Settembru 1997, ir-rikorrent Paul Bartolo ipprezenta rikors quddiem it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji billi ssottometta li hu ilu jahdem mal-Bank Of Valletta mill-1974. Fil-1990 huwa kien jokkupa l-kariga ta' Assistant Manager u fit-18 ta' Mejju, 1990 kienu inghataw promozzjonijiet ghal grad ta' Manager izda r-rikorrent

allegatament gie michud il-promozzjoni ghalkemm huwa hass li kien kwalifikat bizzejjed. Sussegwentement, huwa ha sehem fi strike u gie trasferit mill-branch tal-Mellieha ghal dak ta' Haz-Zabbar meta huwa joqghod l-Mgarr.

Illi r-rikorrent ghaldaqstant talab li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi ssir gustizzja mieghu u jinghata l-promozzjoni ta' Manager mid-data li kien haqqu issir bhal ma saru ma shabu u li jigi kumpensat ghal flus li tilef konsegwenza tat-transfer li jinghata, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' mhux aktar minn Lm5,000.

Illi ghandu jinghad li l-Bank of Valletta Limited qatt ma ezercita transfers vendikattivi fil-konfront ta' l-istess Paul Bartolo in kwantu kif huwa normali hafna go post tax-xoghol ghal Bank of Valletta li haddiem jigi trasferit minn post ghall-iehor wara perjodu ta' servizz u dan skond il-ftehim kollettiv huwa prerogattiva tal-Management tal-Bank.

Illi mir-rikors tieghu stess, l-istess Paul Bartolo ma allegax fl-ebda waqt li nghataw promotions lil nies anqas kwalifikati minnu u ghalhekk il-Bank ma jifhimx liema pregudizzju allega l-istess Paul Bartolo.

Illi l-Artikolu 6(1) ta' Att VIII tal-1997 dwar it-twaqqif ta' Tribunal ghas-smiegh ta' lmenti ta' certi ingustizzji li graw bejn il-1987 u l-1995, jirrizulta dan li gej.

It-Tribunal ikollu s-setgha li jisma' u jaqta' dwar kull ilment li jsir minn persuna li tkun garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghalih, jew ta' xi....

Illi mill-fatti sejjer jirrizulta li r-rikorrent la saritlu ingustizzja u lanqas bl-ebda mod ma saritlu xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita, tul l-impieg tieghu mal-Bank of Valletta Limited.

Illi ghaldaqstant, l-intimati Bank of Valletta Limited, talbu lil dan it-Tribunal sabiex jichad it-talbiet tar-rikorrent bhala manifestament infondati fil-fatt u fil-ligi fl-intier taghhom u jillibera lill-istess intimat mill-osservanza tal-gudizzju.

Ra l-lista tax-xhieda prezentata mill-bank intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Xehed ir-rikorrent u esebixxa dokument a fol 24, dokument li kien mahrug mill-Union fl-epoka tal-istrajk u t-trasferiment. Qal li qatt ma kellu rapporti negattivi kontrieh, hlief minn Tony Falzon, li kien Manager tieghu l-Mosta Branch, fejn kien ghamel zmien jahdem mieghu wara l-elezzjoni tal-1987, u kien hallieh disa' xhur ma jaghmel xejn, peress li kien qallu li politikament mhux fdat. Spjega li wara kien intbaghat il-Mellieha fir-rwol ta' Manager Assistant. Zied ighid li hu dejjem ta' sehmu kemm dam il-Bank, u qatt ma dahhal politika fuq ix-xoghol. Hu esebixxa dokument a fol 31 li juri li kien ha award li gie iffirmat mis-Sur Pace, Manager Personnel Department tal-Bank. Hu esebixxa wkoll ic-cirkolari tal-promozzjoni li hu qed jilmenta li ma hax a fol 32, fejn jidhru wkoll is-sitta min-nies li qabzuh. Ipprezenta ittra tieghu lic-Chairman tal-Bank fejn ilmenta ghax ma hax il-promozzjoni a fol 34. Ipprezenta wkoll kopja ta' certifikat li kien ottjena fil-Computer Programming a fol 36. Esebixxa kopja ta' telex minghand klijent Ingliz li kien qdieh hu personalment a fol 37. Esebixxa ukoll xi artiklu fil-gazzetti rigward il-promozzjonijiet u t-trasferimenti u dwar il-kwistjoni ndustrijali bejn il-Union u l-Bank.

Fir-rigward tal-problema li kellha t-tifla tieghu kien kiteb ittra lill-Bank esebita a fol 50 u wara dan, hu kien inghata ghajnuna ta' LM246 mill-Bank minhabba dan il-fatt, hekk

kif jidher minn fol 51. Hu esebixxa wkoll il-performance report ta' qabel ma kienu hargu l-promozzjonijiet tal-1990, u tal-1989 a fol 53 u 54, fejn dwar l-1989 inghata B C C C u B mill-gradi A sa E u kien hemm kummenti generali ta' xoghol iebes mir-rikorrent izda li kien ghad jonqsu aktar stinkar. Riferibbilment ghar-rapport tal-1990 inghata C C C C u B u fil-kummenti generali issemmew il-positive results ottenuti mir-rikorrent u "l-over all performance was stable". Fl-ahharnett, esebixxa estratt minn diskors fil-parlament li sar mill-Onorevoli Philip Muscat fid-29 ta' Mejju 1990, fejn kien semma l-kaz tieghu. Meta mmarka s-sitt persuni li qabzuh, qal li huma kienu dahlu l-Bank warajh, u allura rabat dan mas-seniority, u semma li xi whud minnhom kellhom esperjenza limitata wkoll, anke peress li kienu f'post wiehed biss.

Xehed <u>Karmenu Vella</u>, Segretarju tat-taqsima STPSA tal-General Workers' Union, li qal fl-1990 kien hemm tilwima industrijali mal-Bank of Valletta u kienet ittiehdet azzjoni industrijali, peress li ma kienux saru negozjati fil-ftehim kollettiv. Qal li jiftakar li konsegwenza ta' din l-azzjoni industrijali, inghataw erba' trasferimenti mill-Bank li kienu eccessivi, fosthom ir-rikorrent li mill-Mellieha, kien intbaghat Haz-Zabbar. Semma li l-Union kienet ipprotestat dwar dan, u qal ukoll li r-rikorrent, ma kienx gie promoss, avolja skond il-Union hu jidher li kien ta' livell, daqs jew ahjar minn dawk li gew promossi. Zied ighid, li Bartolo kien stazzjonat il-Mellieha peress li hu kien joqghod l-Imgarr, u jaf li kellu t-tifla tieghu li kellha bzonn attenzjoni u kura medika kontinwa.

Xehed <u>Frank Mallia</u>, Branch Manager, Hal-Luqa, li qal fl-1990, kien Manager Assistant fil-Branch ta' Haz-Zabbar. Semma li fit-18 ta' Mejju 1990, kien ircieva ittra li l-ghada ser isir strajk, u t-Tnejn ta' wara, kien ircieva Memo, biex jibda jirraporta ghax-xoghol il-Mellieha. Qal li hu kien ilmenta wara li ha dan it-trasferiment, izda r-risposta li ha, kien li t-trasferiment kien sar skond il-ftehim kollettiv u skond l-esigenzi tas-servizz. Qal li meta mar il-Mellieha, dam hemm xi xahar u xoghol ma kellux, ghalhekk ma setax jifhem x'kienu l-esigenzi tas-servizz. In kontro-

ezami qal li l-erba’ trasferimenti li kienu nghataw, kienu gew irrangati bi ftehim u innegozjaw mal-Union.

Xehed Charles Cassar, ex-Segretarju tal-STPSA tal-General Workers’ Union, li qal wara l-1990, kienu saru azzjonijiet industrijali mill-General Workers’ Union, u wara xi impjegati kienu lmentaw li ma hadux promozzjoni, fosthom ir-rikorrent. Qal li wara li saru dawn l-azzjonijiet industrijali, il-Bank kien ha mizuri billi r-rikorrent kien gie trasferit mill-Mellieha ghal Haz-Zabbar. Zied ighid li l-Union hasset li dan kien trasferiment ingust, u li l-Union kienet analizzat il-kaz ta’ Bartolo, u ma kellu xejn inferjuri fejn dawk li hadu l-promozzjoni. Semma wkoll li r-rapporti fir-rigward tar-rikorrent kienu pozittivi. Qal li l-analizi tal-Union kienet li janalizzaw il-kriterji stipulati fil-ftehim kollettiv.

Xehed Ray Azzopardi, Manager A, fl-International Division li qal ilu hemm kemm ilu l-Bank, u kkonferma li ha promozzjoni ghal Manager I.

Xehed Charles Pearsall, Senior Manager, li qal hu kien ha promozzjoni minn Assistant Manager ghal Manager I.

Joseph V. Gatt ipprezenta affidavit u fih semma li jokkupa l-kariga ta’ General Manager (Strategy) fil-Bank of Valletta p.l.c. u parti mir-responsabbilitajiet li jaqghu tahtu huma r-Rizorsi Umani tal-Bank kollu. Spjega li ezercizzju ta’ promozzjonijiet ghall-grad partikolari jigi stigat principalment ghaliex u meta tinhass il-htiega li jimtlew postijiet vakanti f’dak il-grad. Dawn il-postijiet vakanti gew kkrejati normalment minhabba jew ghaliex ikunu rtiraw jew irrizenja xi ufficjali f'xi grad jew gradi u allura jkunu jridu jimtlew il-postijiet vakanti li jkun hallew jew minhabb al-espansjoni tal-operazzjonijiet tal-Bank. Qal li minn Mejju 1987 lil hawn il-Bank zied madwar 500 impjegat fil-gradi white collar. Meta jkunu se jimtlew numru ta’ vakanzi jitwaqqaf promotions board. Dan il-Bord ikollu l-inkarigu li jwettaq l-ezercizzju mill-bidu sat-tmiem u wara li jkun lestieh iressaq ir-rakkomandazzjonijiet tieghu lill-Kumitat Ezekuttiv tal-Bank sabiex dan il-Kumitat japprova n-numru ta’ promozzjonijiet mehtiega skond il-gradwatorja (order of

merit) pprezentata lilu mill-Promotions Board. Il-Promotions Boards generalment ikunu komposti minn ufficjali gholja tal-bank, li jistghu jinkludu c-Chairman, General Managers, Assistant General Managers u jew Senior Managers. Normalment aktar ma’ l-ezercizzju jkun ghall-promozzjonijiet ghall-gradi gholja aktar il-Promotions Board ikun kompost minn ufficjali gholja. Zied ighid li ma tesizti l-ebda regola miktuba dwar kif ghandhom ikunu komposti il-Promotions Boards. Il-Bank, imma, generalment dejjem mexa fuq dan il-principju.

Kull Promotions Board huwa marbut illi jevalwa u jassesja l-kandidati li jkunu eligibbli ghal dak l-esercizzju partikolari skond il-kriterji stabbiliti fil-Ftehim Kollettiv. Il-klawsola fil-Ftehim Kollettiv tghid: ***“When effecting promotions, the Bank shall be guided by aptitude, experience, merit, qualifications and seniority, not necessarily in that order”*** u dan ghal ragunijiet ovvji ghax per ezempju Experience u Merit f’kaz ta’ ezercizzju ta’ promozzjonijiet ghal gradi ghojin bhal dawk ta’ Senior Manager u aktar ‘l fuq, il-wieghting li tinghata ghalihom tkun aktar minn dik moghtija ghall-Qualifications. Minn naha l-ohra l-kriterju tal-qualifications jinghata wieghting aktar gholi f’ ezercizzju ta’ promozzjonijiet ghal gradi t’isfel e.g. Signatory B u Signatory A.

F’kull ezercizzju allura, wara li l-membri tal-promotions Board jilhqu ftehim bejniethom dwar kif ghandhom ikunu l-weightings ghal kull wiehed mill-hames kriterji msemmija fil-Ftehim Kollettiv, kull membru tal-board separatament jifli l-personal Files ta’ kull kandidat u jaghti l-marka tieghu ghal kull wahda mill-kriterji. Il-marki ghall-Merit, Aptitude u Experience iridu johorgu mill-Personal File, fejn wiehed jara l-Annual Performance Appraisals, kif ukoll minn informazzjoni ohra li l-Promotions Board jista’ jkollu fuq il-kandidat. Dawk ghall-qualifications u Seniority ikunu diga gew miftiehma u maqbula qabel mill-membri tal-Promotions Board, ghaliex fuq dawn naturalment m’hemm l-ebda suggettivita`.

Ghalkemm m’huwiex marbut il-Bank jista’ jiddeciedi li f’xi ezercizzji partikolari ta’ promozzjonijiet jaghmel ukoll

Interview. Generalment dawn ikunu f'kazi ta' promozzjonijiet ghall-gradi t'isfel. L-Interview iservi sabiex jghin aktar lill-membri tal-promotions board li jsiru jafu aktar lill-kandidati mill-vicin, mentri fil-kaz ta' promozzjonijiet ghall-gradi gholjin dan ma jkunx hemm bzonnu ghaliex peress li l-kandidati jkollhom hafna snin servizz, normalment il-membri tal-Board ikunu jafuhom bizzejjed u ma jkunx hemm bzonn ukoll tal-Interview. Ghalhekk meta ssir l-Interview, tigi allokata wkoll marka ghaliha, bhala parti mill-100 marka massimu li kull kandidat jista' jinghata minn kull membru tal-Bord.

Wara li kull membru tal-Promotions Board ikun fela u assessja l-Personal Files ta' kull kandidat u jkun ta l-punteggi tieghu (kif ukoll il-marka ghall-Interview meta din issir), jigu aggregati l-punteggi li kull membru tal-board ikun ta' lil kull kandidat u tinhareg l-Order of Merit li minnha jinghataw il-promozzjoni dawk il-kandidati li jidhru fil-lista (Skond l-order of Merit) skond in-numru li jigi deciz finalment mill-Kumitat Ezekuttiv tal-Bank.

In-numru ta' dawk li jigu promossi f'kull ezercizzju jkun dejjem relattivament zghir meta mqabbel man-numru totali ta' kandidati li kienu eligibbli ghaliex in-numru tal-impjegati tal-Bank huwa konsiderevolment qawwi u ghalhekk anke f'kull grad wiehed isib numru konsiderevoli ta' impjegati. Fil-Bank tesizti gerarkija ta' gradi li tiehu l-forma ta' piramida jigifieri aktar ma titla 'l fuq aktar ikunu ftit il-postijiet vakanti. Is-sistema prezenti ta' kif jinghataw il-promozzjonijiet fil-Bank ma kenitx hekk minn dejjem imma evolviet matul is-snin u dan proprju sabiex issir dejjem aktar trasparenti. Fil-fatt kien f'Marzu tal-1992 li ghall-ewwel darba l-bank kien beda jadotta sistema gdida li johrog sejha ghall-applikazzjonijiet meta jkun ser isir ezercizzju ta' promozzjonijiet u mbaghad wara jsiru l-Interviews.

Rigward il-promozzjonijiet ta' l-20 ta' Lulju 1987 (Personnel Circulars Nos. 38/87 & 39/87), il-Bord tad-Diretturi meta approva dawn il-promozzjonijiet kien iddikjara: ***'The purpose of the promotions was to rectify the grave injustices suffered in the past by the***

***individuals in question, insofar as promotions were concerned.'***

Minn xi sitt snin qabel ma iddepona x-xhud, il-Bank beda wkoll jadotta sistema ta' Counselling interviews, jigifieri kull impjegat li ma jkunx gie moghti promozzjoni jekk irid jista' jitlob li jiltaqa' ma' ufficjal gholja tal-Bank sabiex jiddiskuti kif ikun mar f'dak l-ezercizzju. Dawn il-Counselling Interviews intlaqghu tajjeb hafna ghaliex l-impjegat ikun jista' jaghraf f'liema kriterju jew kriterji huwa jkun mar l-aktar hazin u allura jkollu l-opportunita` sabiex jahdem sabiex ittejjeb il-performance tieghu u b'hekk ittejjeb konsiderevolment ic-cansijiet tieghu thal esercizzju ta' promozzjoni sussegwenti. Fuq talba tal-Unions il-Bank qieghed ukoll jinghata t-total ta' marki lil jkun gab l-anqas wiehed minn dawk li jkunu gew promossi u b'hekk l-impjegat ikun ukoll jista' jaghmel il-benchmarking u jara kemm kien il-boghod milli jiehu l-promozzjoni. Spicca biex jghid li l-Bank dejjem mexa mal-Ftehim Kollettiv.

In kontro ezami qal li kien involut f'diversi boards ta' promozzjonijiet. Mill-1987 kien involut f' bosta promotion exercises li kien hemm, anke manigerjali. Originarjament fil-promotion exercises ir-rwol tieghu kien ta' Assistent Personali tac-Chairman. Eventwalment sar General Manager Human Resources. F'dawn iz-zewg rwoli normalment dejjem kien jifforma parti mis-selection board fil-Promotion Exercises. Fil-Promotion Exercises ta' l-1987, 1988 u 1989 hu kien membru tal-bord u kien ha sehem f'kollox apparti l-grad li applika ghalih ir-rikorrent peress li hu kien jokkupa l-istess grad. Beda jahdem fuq il-bord tad-Diretturi wara li sar General Manager. Kien sar Segretarju tal-Executive Committee u dam f'dik il-kariga bejn wiehed u iehor bejn l-1987 u l-1995. Hu ma kienx parti mill-bord tad-Diretturi. Normalment il-bord jaccetta r-rakkomandazzjoni tal-Promotions. L-executive qatt ma ndahal fl-order of merit izda japprovaha u qatt ma jibdilha. Qabel l-1992 is-sistema kienet li jiltaqa' l-bord ta' l-ghazla u jara l-files tal-kandidati koncernati u jiddiskuti rating bhala average. Wara jkun hemm short list u terga ssir diskussjoni mill-membri tal-bord. L-Executive Committee ma kienx jindahal izda jiehu r-rakkomandazzjonijiet u

jaddothom. Qabel l-1992 kienu jikkonsidraw principalment il-personal file u l-aktar li kienu jaghtu kaz kien l-appraisal report.

Xehed Rene Formosa li qal hu ma kellux x'jaqsam mat-trasferiment ta' Paul Bartolo mill-Mellieha ghal Haz-Zabbar. Qal li din ordni li kienet harget mic-Chairman's Office. Semma li kien hemm zmien meta l-grad ta' Assistant Manager kien ser jigi abolit, fuq perjodu ta' zmien permezz ta' promozzjonijiet, u dan permezz ta' ftehim bejn il-Bank u l-Unions, u kien hemm il-ftehim li jsiru sitta' minn Assistant Manager u erbgha minn Supervisor II. Zied ighid li l-kriterji utilizzati kienu, 'merit', 'aptitude', kwalifiki, esperjenza u 'seniority'. Qal li sa fejn jaf hu kienu ntaghzlu tahlita ta' nies miz-zewg Unions, mill-Malta Union of Bank Employees u mill-General Workers' Union. In kontro-ezami, qal li kienu jezaminaw il-kandidati ghall-promozzjonijiet mill-personal files, u mit-taghrif taghhom tal-individwu. Qal li kien irid rapport mill-Executive Committee, li tiddeciedi taccettax ir-rakkomandazzjonijiet, u wara jigu appuntati.

Xehed Alfred Pace, li esebixxa Dok a fol 125 skeda ta' hames persuni, hekk kif gie mitlub, bid-dettalji taghhom. Ipprezenta wkoll il-postijiet diversi fejn kien stazzjonat ir-rikorrent a fol 126. Esebixxa dokument a fol 127 fejn jidhru dawn il-persuni meta dahlu l-Bank u tirrizulta wkoll, is-seniority in the grade, kif ukoll il-kwalifiki.

**KONKLUZJONIJIET:**
Ir-rikorrent ilmenta mill-fatt li meta fl-1990 kien jokkupa l-grad ta' Assistant Manager mal-Bank ma nghatax il-hatra ta' Manager in segwitu tac-Cirkolari 24/90 datata Mejju, 1990. Ma hemmx dubju li r-rikorrent hu bniedem kapaci u gie hekk deskritt minn diversi persuni. Irrizulta wkoll li qabel 1987 kellu promozzjonijiet moghtija lilu mhux skond is-seniority.

Dwar promozzjonijiet it-Tribunal dejjem zamm il-principju li stqarr fis-sentenza tal-kawza fl-ismijiet "Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta" deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998. Hemm qal:

“Issa fil-fehma ta’ dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b’mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f’xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f’dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni).” [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

Skond il-ftehim kollettiv mal-Bank, il-promozzjonijiet iridu jinghataw abbazi ta’ hames kriterji, li huma aptitude, merit, kwalifiki, esperjenza u seniority, izda l-piz li jinghata lil kull kriterju, jista’ jvarja skond il-vakanza. Fl-ezercizzju tal-1990, is-sistema tal-promozzjonijiet kienet ghad ma gietx zviluppata. Infatti Alfred Pace stqarr li pero` kien fl-1992 li bdew formalment il-proceduri bis-sejha ghall-applikazzjoni u l-intervista, u jinghataw il-marki. Inoltre l-Bank kien iddecieda li jaghti promozzjoni lil numru ta’ impjegati kwalifikati. Infatti ir-rikorrent stess in kontro-ezami qal li jaf li kien hemm ftehim bejn il-Bank u l-Union, u li l-grad ta’ Assistant Manager kien ser jigi abolit, u li fl-1990 kien hemm zewg gruppi ta’ promozzjonijiet, f’April u f’Gunju, l-grupp ta’ April tal-gradwati, u l-grupp ta’ Gunju tal-ohrajn. Hu qal li qed jilmenta mill-grupp ta’ Gunju, u sostna li Philip Micallef li ma kienx kwalifikat daqsu.

Il-Promotions Board generalment ikun kompost minn ufficjali gholja tal-bank li jistghu jinkludu lic-Chairman, General Managers, Assistant General Managers u Senior Managers. Il-Promotions Board huwa marbut li jevalwa u jassessja l-kandidati eligibbli dejjem skond il-ftehim kollettiv u ghalhekk “the bank shall be guided by aptitude, experience, merit, qualifications, and seniority, not necessarily in that order.” Il-bank sostna li l-weighting li jinghata ghal experience u merit ghal gradi gholjin bhal dawk ta’ Senior Manager u aktar ‘il fuq ikun aktar minn dak moghti ghall-qualifications. Il-kriterji tal-qualifications jinghata weighting aktar gholi fil-gradi ta’ isfel e.g.

Signatory B u Signatory A. Il-marki ghal merit, aptitude u experience johorgu mill-personal file specjalment bl-annual performance appraisals. Il-Bank mhux marbut li jaghmel interviews ghalkemm dan jista' jservi biex jghin lill-Promotions Board jasal ghall-evalwazzjoni tieghu.

Jinghad li biex it-Tribunal jaghmel l-evalwazzjonijiet kollha necessarji ordna lill-bank intimat biex jipproduci dokumentazzjoni relattiva ghall-fatt jekk sarux interviews fil-promozzjonijiet tal-1988 u tal-1990 u jekk gewx allokati marki specifici ghall-criteria u x' marki gew allokati kull min ikkwalifika u biex il-bank jindika s-seniority tar-rikorrent u dawk li kkwalifikaw (preferibbilment b' indikazzjoni tas-seniority ghall-ahhar 15-il sena) u l-kwalifiki akkademici rispettivi ta' dawk li kkwalifikaw u tar-rikorrent. Sfortunatament il-bank ma kienx f' pozizzjoni li jirrispondi ghal dawn id-domandi kollha tat-Tribunal ghalkemm saret tfittxija fl-ufficcju u fl-arkivji. Gie esebit il-ftehim kollettiv dwar il-promozzjonijiet.

It-Tribunal ghamel analizi dettaljata tad-dokumenti kollha esebiti mill-Bank u filwaqt li jammira l-isforz mir-rapprezentanti tal-Bank li ssupplew dawn id-dokumenti xorta wahda jkollu josserva li ghandu hafna affarijiet u informazzjoni nieqsa. Infatti meta wiehed jikkompara d-dokumenti dwar informazzjoni moghtija dwar il-kandidati [li tinsab a fol 127 sa 202 tal-process ta' Martin Spiteri Rikors 1011] wiehed isib li hemm diversi ismijiet nieqsa meta wiehed jezamina d-dokument relattiv ghall-promozzjonijiet [li jinsab a fol 121 fejn fil-lista tal-persuni ta' Manager I ghal Manager II "with effect from 1$^{st}$ June 1990" hemm 11-il persuna li dwarhom ma nghatawx id-dettalji waqt li fuq pagna 122 minn Assistant Manager ghal Manager I "with effect from 1$^{st}$ April 1990" u "1$^{st}$ June 1990" hemm zewg persuni li dwarhom ma nghatawx id-dettalji]. Izda xorta wahda t-Tribunal sejjer jaghmel l-ahjar tieghu biex jaghmel evalwazzjoni mehtiega.

It-Tribunal ezamina l-kwalifiki rispettivi ta' dawk li lahqu Manager I "with effect from 01/04/90" u jidher li dwar kwalifiki dawn kienu gradwati waqt li r-rikorrent ma kienx. Huwa veru li r-rikorrent kien dahal jahdem mal-Bank xi

erba' snin qabel izda ma jidhirx li l-ilment tar-rikorrent huwa propju dirett dwar dawn il-hatriet. Infatti fid-deposizzjoni tieghu hu l-aktar li semma huma dawk li lehqu Manager I with effect from 01/06/90".

It-Tribunal ikkompara s-seniority u kwalifiki tar-rikorrent u ta' dawk li lehqu fl-1 ta' Gunju 1990 u sab li f'dan l-aspett ir-rikorrent kien dahal jahdem il-Bank fl-1974. Tlieta minn dawk li lehqu fl-1990 kienu dahlu fl-1974, tnejn dahlu fl-1975, u sitta fl-1976. Ghalhekk taht dan l-aspett ir-rikorrent gie svantaggat.

Dwar il-kwalifiki meta wiehed jevalwa n-natura ta' xoghol li hemm in kwistjoni, hemm tlieta minn dawk li lehqu li ghandhom kwalifiki inferjuri ghal dak li ghandu rikorrent, u tmienja superjuri. Ma ingabux provi ta' xi haga negattiva fil-konfront tar-rikorrent u lanqas ma ingiebu xi appraisal reports negattivi fil-konfront tieghu. Lanqas ma ingabu xi provi li dawk li hadu l-promozzjoni kellhom xi aptitude jew xi merit superjuri. It-Tribunal ihoss li bil-fors jkollu jirrimarka li fost dawk li saru hemm persuna li dahlet il-Bank fl-1976, li kienet Supervisor II fl-1990 u kull ma kellha kien tliet O levels. Ukoll fl-istess data hemm persuna ohra li saret Manager II li kella hames O levels u Elementary fil-Book Keeping u dahlet il-Bank fl-1972. Ghalhekk it-Tribunal jqis li hemm provi sufficjenti biex jasal ghall-konkluzjoni li saret ingustizzja mar-rikorrent meta hu ma nghatax il-kariga ta' Manager fl-1990.

Ghaldaqstant jichad l-eccezzjonijiet tal-intimat, jilqa' t-talba tar-rikorrent peress li jsib l-ilment gustifikat u jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' Manager I b'effett mill-1990 meta haduha l-ohrajn, u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas id-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------